**KunsillLokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 34

9 ta’ Frar 2017

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:30 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI**:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera
Stephen Caruana - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI**:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, Malta.
☎:21652525, 21650937 @:marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

| | |
|---|---|
| 34.1 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 34.1.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 33, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija. |
| 34.1.2 | Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Horace Gauci issekondata mis-Sur Steven Grech, il-minuti ta' seduta 33, gew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti. |
| 34.1.3 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett. |
| 34.2 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 34.2.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar l-20 ta' Jannar 2017, kien attenda laqgha ghand l-ERA rigward il-proposta' ta' progett ghaz-zona ta' Natura 2000 (Il-Ballut). |
| 34.2.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsiliera prezenti illi nhar it-23 ta' Jannar 2017, kien attenda ghal cerimonja ta' bdil ta' awguri li ghaliha kien prezenti l-Onor. Dr.Stefan Buontempo. |
| 34.2.3 | Is-Sindku qal illi nhar it-30 ta' Jannar 2017, flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv u l-Vici Sindku kien zamm laqgha mal-konsorzju ELC Ltd. Rigward roundabout fi Triq iz-Zejtun. |
| 34.2.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-1 ta' Frar 2017 kien ikkollabora f'working group mahtur mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali b'konnessjoni mal-laqgha plenarja li kienet ser tinzamm aktar tard. |
| 34.2.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi d-Deputat Segretarju Ezekuttiv kien attenda laqgha ghand ERA li kienet tikkoncerna proposta ta' progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja fiz-zona ta' Natura 2000 (Il-ballut). |
| 34.2.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv kellu laqgha li matulha kien gie diskuss titjib u tisbih ta' gnien il-Familja. |
| 34.2.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-4 ta' Frar 2017 flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv kien attenda ghal seminar ikkordinat mill-Fondazzjoni Valletta 2018 rigward attivitajiet li l-istess fondazzjoni kienet ser tkun qieghda torganizza matul l-2018. |
| 34.3 | Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera |
| 34.3.1 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa "Nistghu temporanjament nimlew il-hofor fil-maghluq. Talba li ga saret u traqqat wahda biss bil-konkos hdejn il-gabbana il-qrolla, tghaffget b'xi tyres. Qieghed nitlob imqar 2 jardi konkos u flimkien mal-haddiema inraqqghu il-kumplament tal-hofor.<br>Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kemm il-darba l-Kunsill japprova ix-xoghol seta' isir. |
| 34.3.2 | Is-Sa. Janice Chetcuti staqsiet " Inkisbu l-kwotazzjonijiet tax-xbieki li ghandhom jintuza fil-grawnd tal-iskola primarja? L-ghalliema giet imwiegba?". |

| | |
|---|---|
| | Id-Deputat Segretarju Ezeluttiv wiegeb li kienet inkisbet stima li kienet ser titressaq bhala korrispondenza waqt is-seduta. L-Ghalliema kellha tigi infurmata hekk kif tittiehed decizjoni dwar il-materja. |
| 34.3.3 | Is-Sa. Janice Chetcuti staqsiet "Ergajna waslana fix-xahar ta' Frar. X'ser jigri biex nissalvagwardjaw il-bajja tal-maghluq mid-dhul ta' karozzi fil-bajja?" Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien jinhtieg tittiehed decizjoni mill-Kunsill Lokali dwar il-materja, kif ukoll minn kien ser ikun il-perit li jissottometti l-applikazzjoni ghal zvilupp f'isem il-Kunsill Lokali Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali kellu jikseb stima ghax-xogholijiet minghand il-Periti Gordon Zammit u Reuben Abela. Dettalji tal-periti msemmija kellhom jinghataw lill-amministrazzjoni. |
| 34.3.4 | Is-Sa. Janice Chetcuti staqsiet " F'liema stadju waslet l-applikazzjoni li kellha tigi sottomessa fir-rigward ta' Zona Natura 2000?" Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kienu qieghdin jinzammu laqghat regolari bejn il-partijiet involuti bil-ghan illi tigi sottomessa applikazzjoni. |
| 34.3.5 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa " Nistghu nitlobu li kif tinbarax triq iz-Zejtun, il-materjal jintuza biex nordmu u inraqqghu id-dahla tal-maghluq dejjem jekk isisr qbil mill-Kunsilliera?". Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-materja kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsi Lokali. Wara diskussjoni qasira, is-Sur Steven Grech informa lill-Kunsill Lokali illi kien qieghed jahdem fuq stima tax-xogholijiet. |
| 34.3.6 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa" Fejn wasal il-process tal-organizzazzjoni tal-monti? Dan regghu hadu l-inkarigu huma u ahna fl-ghama. Hija inaccettabbli?". Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali ma kien ircieva ebda komunikazzjoni ta' zvilupp mill-Ufficcju tal-Prim Ministru. |
| 34.3.7 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa " Meta hu definit li Triq iz-Zejtun se tigi asfaltata u jekkx it-tarmac tar-roundabout se jinqala. Din it-triq hadet hafna zmien biex issir bl-ispiza li hafna karozzi inkluz taghna qeghdin igarrbu hsarat, ahseb u ara xi spiza se ikun hemm izjed u kemm se jintlaqtu entitajiet ohra meta jitkompla x-xoghol b'dan ir-ritmu?". Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-materja ma kenitx tiddependi fuq il-Kunsill Lokali. Is-Sur Hall zied jghid illi kien hemm il-possibilita' illi jerga' jinqala parti mill-asfalt li kien sar fi Triq iz-Zejtun. |
| 34.3.8 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa " X'informazzjoni ghandna rigward il-process u updates fuq il-breakwater?". Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-informazzjoni kollha dwar il-materja setghet tinkiseb online. Barra minn dan l-amministrazzjoni kienet baghtet l-informazzjoni li kienet irceviet lill-Kunsilliera. |
| 34.3.9 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa " Jista' jsir container taz-zejt fil-maghluq? Dan galadarba ma iriduhx li jsir fil-hard standing is-sajjieda dan li isir peress li qeghdin nispiccaw b'tankijiet mimilja zejt wara l-bastimenti?". Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-materja ma kenitx taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali. Barra minn dan kien hemm spiza sabiex jitbattal il-container liema spiza kien ser ikollu jidhol ghaliha l-Kunsill Lokali. |

| | |
|---|---|
| 34.3.10 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa "Fejn wasal ix-xoghol tal-cable tad-dawl tal-arbli tad-dawl tax-xatt?". Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hekk kif ippjanat ix-xoghol kien qieghed isir mill-haddiema tal-Works Department. |
| 34.3.11 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa " Fejn wasalna ghaz-zebgha tal-bus stop tal-pjazza u jekk baghtniex ghal TM sabiex ikun hemm decizjoni habba in-naha t'isfel tat-triq fil-pjazza?". Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal illi hekk kif stabbilit kienet intalbet laqgha lil Transport Malta. |
| 34.3.12 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa " Baghtna lill-PA sabiex ingibu permess biex nergghu naghlqu l-bajja tal-maghluq bhas-sajf li ghadda?". Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-materja kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. |
| 34.3.13 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa 'Fejn waslu il-bollards tal-pjazza?". Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal illi kienet inharget l-ordni tax-xoghol lill-kuntrattur. |
| 34.3.14 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa " Fiex wasalna fid-dustbins ta' madwar ix-Xatt? Ghandna bzonn li jergghu isiru kollha?". Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali kien ha hsieb jixtri bin liners godda hekk kif maqbul. Kien il-kompitu tal-Kunsill Lokali li jiehu decizjoni jekk ghandhomx jinbidlu l-litter bins. |
| 34.3.15 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa " Fejn wasalna bl-arblu li kien tqaccat fil-port ruman?". Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali kien qieghed jistenna li jircievi l-ordni biex jaghmel ix-xogholijiet minghand il-kumpanija ta' assikurazzjoni. |
| 34.3.16 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Fuq il-kwistjoni tal-imwejjed u siggijiet kif bqajna minhabba l-permessi? Hrigna Sejha ghall-perit? Hux possibbli li ssir bankina fi Triq Axtart ghax fadal bicca li ghadha ma saritx? Id-dekorazzjonijiet li hemm mas-sigar tal-palm ix-Xatt ser jinqalghu jew ha jithallew sal-milied ta' din is-sena? Il-bandla ta' gnien il-Familja fiex wasalna?". Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dwar imwejjed u siggijiet il-Kunsill Lokali kien qieghed jistenna informazzjoni mill-Awtorita' tat-Turizmu. Sejha ghall-offerti ghal servizzi peritali kiene ghadha ma inhargitx. Dwar il-bankina ta' Triq Axtart kien jinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali filwaqt li d-dekorazzjonijiet tal-Milied kienu tnehhew permezz tal-haddiema assenjati. Rigward gnien il-familja, is-Sur Hall qal illi l-perit kien qieghed jahdem fuq l-istimi. |
| 34.3.17 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Rigward il-monti tal-Hadd, naghmlu laqgha mal-Ispettur minhabba citazzjonijiet mhux moghtija? Dik ic-central Strip ta' hdejn il-Kunsill? Nistaqsu dwar il-fence tal-iskola ghaliex qieghed fi stat perikoluz? Dwar jekk inxtrawx il-fanali tax-Xatt? Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal illi l-ewwel mistoqsija kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. It-tieni mistqosija ma setghetx tigi mwiegba peress illi ma kenitx cara bizzejjed. Is-Sur Hall zied jghid illi l-amministrazzjonin . ser tiehu hsieb tigbed l-attenzjoni dwar il-fence tal-iskola primarja. Dwar il-fanali ta' Triq Xatt is-Sajjieda, is-Sur Hall qal illi kienet saret l-ordni tax-xogholijiet |
| 34.4 | Rapporti |

| | |
|---|---|
| 34.4.1 | Ma kienx hemm |
| 34.5 | Mozzjonijiet |
| 34.5.1 | <u>Mozzjoni Nru 01-2017 (VII)</u><br><br>*Wara li evalwajt it-talba mressqa minn xi residenti ta' Triq il-Galjazz qed nipproponi li Triq il-Galjazz ma' tibqax miftuha ghal sewqan fiz-zewg direzzjonijiet izda ghandhom isiru l-arrangamenti mehtiega biex it-traffiku jinstaq biss fid-direzzjoni ta' Triq l-Imriekeb hekk kif indikat fil-pjanta ta' hawn taht. Qed nindika wkoll kif inhuma d-direzzjonijiet tat-traffiku fit-toroq Fellukka u Xambekk*<br><br>Proponent: Horace Gauci<br>Sekondant: Daniel Zerafa<br><br>Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni wara votazzjoni . |
| 34.6 | Jum Marsaxlokk |
| 34.6.1 | Wara diskussjoni libera, dwar il-materja, gie stabbilit illi Jum Marsaxlokk 2017 kellu jittella' nhar it-23 t'April 2017, Kien hemm qbil illi l-attivitajiet tal-okkazjoni kellhom ikunu simili ghal dawk tas-sena precedenti biz-zieda ta' attivita' relatata mal-progett *Windvane* li kien qieghed jigi implimentat flimkien mal-Fondazzjoni Valletta 2018. |
| 34.7 | Jum San Girgor |
| 34.7.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu qieghdin isiru ghal Jum San Girgor 2017. Wara disksussjoni libera, gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali kellu jadotta l-istess proceduri li l-Kunsill Lokali mexa bihom waqt l-attivita' li ttellghet fl-2016. Is-Sur Gauci qara korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand il-Kunsill Malti ghall-arti liema korrispondenza kienet tikkoncerna proposta ta' attivita' f'Jum San Girgor. Wara li giet diskussa l-attivita', il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni. |
| 34.8 | Financial Statements 2016 |
| 34.8.1 | Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abozz tal-Financial statements ghas-sena 2016. Is-Sur Gauci stieden lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv jispejga fid-dettall ir-rapport imsemmi. |
| 34.8.2 | Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ghadda sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata tar-rapport in-kwistjoni u spjega mizuri li kienu ttiehdu bil-ghan illi titjieb is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali, liema mizuri kienu hallew il-frott taghhom u gew riflessi fir-rapport innifsu. Wara li s-Sur Hall wiegeb mistoqsijiet mill-Kunsilliera, fuq proposta tas-Sindku ssekondat mill-Kunsillier Daniel Zerafa il-Kunsill Lokali approva l-Financial Statements ghall-2016. |
| 34.9 | Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv |

| | |
|---|---|
| 34.09.1 | Is-Sindku spjega lill-Kunsill Lokali kif il-Kunsill Lokali kien jinhtieglu jinhareg sejha ghall-impjieg ta' Segretarju Ezekuttiv kawza tal-fatt illi s-Sur Duncan Hall ma kienx ser jibqa' jaqdi dmiru mal-istess Kunsill Lokali. Filwaqt li sahaq li kienu ser jigu adottati l-proceduri legalment stabbilit ghall-process ta' impjieg, is-Sur Gauci talab lill-Kunsill Lokali jiddeciedi min kien ser ikun qieghed jifforma parti mill-bord li kien ser ikun qieghed jaghmel l-intervisti. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-imsemmi bord kellu jkun kompost mill-Kunsilliera kollha. |
| 34.10 | Korrispondenza |
| 34.10.01 | Permezz ta' e-mail datat 8 ta' Frar 2017, is-Sur Noel Castillo informa lill-Kunsill Lokali bid-dettalji tal-attivita' li kienet ser tittella' fl-okkazjoni tal-Karnival gewwa Marsaxlokk. |
| 34.10.02 | Permezz ta' ittra datata 17 ta' Jannar 2017, il-Kunsill Lokali informa lil Green MT li l-offerta li l-istess Green MT kienet issottomettiet kienet giet milqugha. |
| 34.10.03 | Permezz ta' stimi minghand Brand IT u UV Print, il-Kunsill Lokali gabar kwotazzjonijiet ghal bandiera gdida. Wara li gew diskussi l-istimi, gie deciz illi l-Kunsill Lokali jordna bandiera gdida minghand Brand IT ghall-prezza ta' Ewro 236 (12ftX8ft) |
| 34.10.04 | Permezz ta' ittra datata 20 ta' Jannar 2017, Transport Malta infurmat lill-Kunsill Lokali illi talba li kien ghamel is-Sur Emanuel Grech ghal reserved parking fi Triq Sant'Antnin kienet gie milqugha. |
| 34.10.05 | Permezz ta' e-mail datata 30 ta' Jannar 2017, il-Kunsill Lokali irrisponda cirkolari 11/2017 mahruga mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali, liema cirkolari kienet tikkoncerna playing fields. |
| 34.10.06 | Permezz ta' cirkulari 6/2017, id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali hareg kjarifiki rigward allowance li tinghata lill-Kunsilliera. Wara li gew moqrija d-dettalji tac-cirkulari, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jirrevedi l-allowance li kienet inghatat lill-Kunsilliera matul l-2016 u fejn kien hemm assenzi b'gustifikazzjoni jrodd l-ammont imnaqqas. |
| 34.10.07 | Permezz ta' e-mail datat 6 ta' Frar 2017, il-Perit Kevin Bencini baghat lill-Kunsill Lokali, f'isem is-Sur Joseph Carabott dettalji dwar proposta ta' zvilupp fi Triq Xatt is-Sajjieda. Wara li gew evalwati l-pjanti annessi mal-proposta, kien hemm qbil fost il-Kunsilliera illi kellha tintalab laqgha dwar il-materja. |
| 34.10.08 | Permezz ta' stima datata 8 ta' Frar 2017, li kienet tammonta ghal Ewro566, A&A blasting infurmat lill-Kunsill Lokali li kienet lesta taghmel xoghol fuq ankra li kienet ser titpogga fi Triq iz-Zejtun. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi kemm il-darba ikun hemm il-htiega il-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza msemmija. |
| 34.10.09 | E-mail datat 8 ta' Frar 2017 li permezz tieghu Horace Enterprises Ltd. Infurmat lill-Kunsill Lokali illi xibka ghal-lasti ta' grawnd ta' 5 metri kienet tiswa Ewro 80. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali kelli jidhol ghall-ispiza msemmija bil-ghan illi ssir xibka fil-grawnd li kien jintuza mill-iskola primarja. |
| 34.10.10 | Permezz ta' notifiki li deheru fil-gazzetta tal-Gvern, l-Awtorita' ghall-Ippjanar habbret li kienet irceviet applikazzjonijiet ghal zvilupp bin-numri PA/07833/16, PA/06486/16, |

| | |
|---|---|
| | RG/0035/16, PA/03570/16, PA/00235/17, PA/06858/16, PA/07000/16, PA/00223/17, RG/00320/16, PA/03472/16, PA/05753/16, PA/07211/16, PA/04742/16, PA/07624/16, PA/07833/16 u PA/00592/17.<br>Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellux joggezzjona ghall-applikazzjonijiet msemmija. |
| 34.10.11 | Permezz ta' ittra datata 1 ta' Frar 2017, Island Insurance Brokers infurmat lill-Kunsill Lokali illi sabiex is-Sur John Farrugia ikun jista' jigi inkluz fil-lista' ta' persuni assikurati kien jinhtieg li l-Kunsill Lokal ihallas is-somma ta' Ewro17.22<br>Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill lokali kellu jidhol ghall-ispiza msemmija. |
| 34.10.12 | E-mail datata 1 ta' Frar 2017 rigward Triq Santa Katerina u talba biex jitwessghu l-bankini fl-istess triq.<br>Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi t-talba in-kwistjoni ma setghetx tigi milqugha. |
| 34.10.11 | Permezz ta' e-mail datat 26 ta' Jannar 2017, is-Sur Yves de Blick informa lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' applikazzjoni ghal zvilupp numru PA/02767/16. |
| 34.11 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti. |
| 34.11.01 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 2/17 ) ghall-approvazzjoni. |
| 34.11.02 | Fuq mozzjoni tas-sur Steven Grech, issekondat mill-Kunsillier Stephen Caruana, il- Kunsill Lokali unanimament approva il-pagament inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti |
| 34.11.03 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' petty cash mahrug matul Jannar 2017 ghall-approvazzjoni. |
| 34.11.04 | Fuq mozzjoni tas-sur Steven Grech, issekondat mis-Sindku, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 34.12 | Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss |
| 34.12.01 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 9 ta' Marzu 2017 fl-4:30p.m. |

Konfermati, illum 9 ta' Frar 2017

IFFIRMATA

_______________

Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

_______________

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv